MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru. 603/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs**

**Christopher Scerri**

Kumpilazzjoni Nru: 603/2011

Illum, 7 ta’ Novembru, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Christopher Scerri ta’ 30 sena, iben Ronald u Alexandra nee’ Zerafa, imwieled il-Pieta’, nhar it-30 ta’ Dicembru, 1980 u residenti gewwa Dar St. Anna, Triq il-Wirt Naturali, Bahar ic-Caghaq u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 77081(M).

Akkuzat talli f'xi hin bejn il-21:30 ta' filghaxija tat-2 ta' Marzu, 2008 u nofs inhar ta' l-4 ta' Marzu, 2008, minn gewwa Triq il-Miratur, Floriana, ikkommetta serq ta' oggetti minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAH-372 tat-tip Fiat Punto, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disgin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Maria Anna Debono mill-Floriana u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan billi kkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAH 372 tat-tip Fiat Punto liema hsarat jammonta ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Maria Anna Debono mill-Floriana u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(g) 263, 267, 271(g) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrrat.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li l-imputat qed jaghmel b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li l-parte civile m'ghandha l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra l-imputat oltre dak li hija thallset mill-assikurazzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b(c)(g) 263, 267, 271(g) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jkompli sa tmienu l-programm li diga beda.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lili mghotija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------